***Stqarrija mill-Uffiċju tal-Kummissarju għas-Saħħa Mentali u l-Anzjani rigward Bord ta' Investigazzjoni maħtur mill-Kummissarju biex jinvestiga inċident li seħħ ġewwa l-Isptar Monte Carmeli fl-20 ta' Mejju 2014.***

Wara li ġie infurmat b'inċident li allegatament seħħ ġewwa l-Isptar Monte Carmeli fl-20 ta' Mejju 2014, Il-Kummissarju għas-Saħħa Mentali u l-Anzjani ħatar Bord ta' Investigazzjoni fit-22 tal-istess xahar.

Il-Bord kien inkarigat biex:

- Jistabilixxi il-fatti tal-każ billi jiġbor l-informazzjoni kollha relevanti;
- Jiddetermina jekk kienx hemm xi mankanzi fil-kura u l-attenzjoni u, jekk fl-affermattiv, jindika min kien responsabbli għal tali mankanzi;
- Jiddetermina wkoll jekk tali mankanzi jikkostitwux ksur tad-drittijiet tal-pazjent u/jew nuqqas ta' ħila professjonali;
- Jirrakkomanda kull azzjoni li għandha tittieħed u minn min, u
- Jagħmel kull rakkomandazzjoni oħra li jħoss li hija relevanti għal każ.

Il-Bord, kostitwit minn uffiċjali mill-Uffiċju tal-Kummissarju, wara li ffamiljarizza ruħu mad-dokumentazzjoni kollha li kienet disponibbli kif ukoll rapporti fil-media dwar il-każ iddeċieda li għandu jintervista numru ta' persuni konnessi mal-allegat każ, jagħmel viżta fil-post fejn ġara l-inċident u jeżamina id-dokumentazzjoni uffiċjali kollha relatata mal-każ.

Il-Bord intervista b'kollox 18-il persuna f'erba' sessjonijiet. Dawn kienu jinkludu l-allegat vittma, l-istaff inkarigat mill-ward fejn kien qed jirċievi il-kura, persuni li ġew mitluba jintervjenu wara l-inċident, social worker li ssegwi lill-pazjent, it-tobba kuranti kif ukoll l-management tal-Isptar.

Wara li kkonkluda il-fażi tal-intervisti kif ukoll l-eżami tad-dokumentazzjoni disponibbli, il-Bord wasal għal numru ta' konklużjonijiet u ssuġġerixxa wkoll numru ta' rakkommandazzjonijiet.

Il-konklużjonijiet huma elenkati kif ġej:

1. L-allegazzjoni li t-TV tas-sala kien fuq stazzjon politiku, għalkemm ma tistax tiġi ippruvata, hija ikkunsidrata bħala kredibbli u probabbli;

2. Ma nstabitx evidenza li l-allegat vittma kienet provokata u/jew mgħajjra għalkemm ma jistax jiġi eskluż xi forma ta' nbix li, meta wieħed jieħu in kunsiderazzjoni l-istat mentali tal-pazjent, seta' kkontribwixxa biex teskala s-sitwazzjoni;

3. Ghalkemm gie stabbilit li ntużat il-forza biex il-vittma tiġi kkontrollata, ma ġiet rilevata ebda evidenza li tissustanzja l-allegazzjoni li l-vittma ġiet imsawta;

4. Ġie stabbilit illi waqt il-fażi ta' kontroll tal-vittma ingħatat injezzjoni. Relatat ma dan il-fatt il-Bord irrileva numru ta' irregolaritajiet.

Konsegwentament il-Bord irrakkommanda li:

1. Jiġu stabbiliti linji gwida ċari u bil-miktub dwar l-użu tat-TV fis-swali, b'mod partikolari fejn jidħlu programmi ta'natura politika li jistgħu joħolqu diżgwid bejn il-pazjenti nfushom kif ukoll bejn il-pazjenti u l-istaff;

2. Għandu jingħata taħriġ fuq bazi regolari lill-istaff kollu f'materja bħal "*emotional intelligence*" u "*communication skills*" sabiex l-istaff isir dejjem iżjed sensittiv għall-ħtiġijiet partikolari tal-pazjenti;

3. Għalkemm jirriżulta li numru ta' staff ingħata taħriġ, fuq bażi volontarja, fid- "*de-escalation techniques*", dan it-taħriġ ma ġiex segwit mill-istaff kollu. Huwa mportanti li staff li jista' jiġi affaċjat b'dawn it-tip ta' sitwazzjonijiet jingħata it-taħriġ neċessarju biex dawn l-inċidenti jiġu riżolti b'mod li jissalvagwardja is-saħħa u s-sigurta' tal-pazjenti kif ukoll tal-istaff;

4. L-awtoritajiet kompetenti għandhom ikomplu jinvestigaw l-irregolaritajiet li ġew rilevati mill-Bord kif ukoll mill-management tal-Isptar rigward l-amministrazzjoni ta' mediċina partikolari u jittieħdu dawk il-passi kollha li jiġu meqjusa neċessarji, inkluż passi dixxiplinarji.ċġħ

Ir-rapport finali tal-Bord ġie mgħoddi lill-Ministru u s-Segretarju Parlamentari responsabbli mis-Saħħa kif ukoll lis-Segretarju Permanenti fl-istess Ministeru. Ir-rapport, li jinkludi diversi dettalji ta' natura kunfidenzjali rigward is-saħħa mentali tal-pazjent, mhux qed jiġi ppublikat.